Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Elliott Magro]

vs

Antoine Debattista

Herbert Debattista

Kumpilazzjoni Numru: 174/18

Illum, 31 ta' Jannar 2022

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Antoine Debattista detentur tal-karta tal-identita` numru 0125072M u kontra Herbert Debattista detentur tal-karta tal-identita` numru 00456457M

Akkuzati talli nhar it-2 ta' Jannar, 2018, ghall habta tad-disgha ta' filghodu (9.00hrs), gewwa Triq Santa Monika sitwata fil-Pieta':-

1) Ghamlu ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra fil-kodici kriminali jew, jekk kienu ipprovokati, ingurjaw b'mod li hargu l-barra mill-limiti tal-provokazzjoni, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) U aktar talli fl-istess data lok hin u cirkostanzi kisru l-paci u l-ordni pubblika b'ghajjat, storbju w glied, u dan bi ksur ta' l-Artiklu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**U lil Antoine Debattista wahdu:**

3) Talli fl-istess data' lok, hin u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' huh, Carmelo Debattista, u dan skond ma ccertifika Mr. Ryan Giordmaina MD (Reg. No. 2825), u dan bi ksur ta' l-Artikoli 214, 215, 218 u 222(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4) U aktar talli fl-istess data' lok, hin u cirkostanzi hebb ghall Marie Debattista u kkagunatilha offiza ta' natura hafifa hekk skond kif iccertifikat minn Dr. P. Scarrow M.D. Med. Reg. 3112 mill-Isptar Mater Dei, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 221(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**U lill Herbert Debattista wahdu:**

5) Talli fl-istess data' lok, hin u cirkostanzi hebb ghall huh Carmelo Debattista u kkagunalu offiza ta' natura hafifa hekk skond kif iccertifikat minn Dr. Michael Spiteri MD (Reg. No. 2666) mill-Isptar Mater Dei, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 221(1) u 222(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

F'kaz ta' htija il-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Carmelo Debattista, Marie Debattista kif ukoll ta' Carmen Debattista u tapplika l-provvedimenti ta' Art 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat l-ezami tal-imputati fejn wiegbu mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata dsatax (19) ta' Novembru elfejn u dsatax (2019) fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi taht liema tista' tinstab htija:

Fil-konfront ta' Antoine Debattista u Herbert Debattista:

- Fl-Artikolu 399(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fil-konfront ta' Antoine Debattista wahdu:

- Fl-Artikoli 214, 215, 218 u 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 214, 215 u 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fil-konfront ta' Herbert Debattista wahdu:

- Fl-Artikoli 214, 215, 221(1) u 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2019 l-imputati ddikjaraw li m'ghandhomx oggezzjoni li l-kawza tkompli tinstema' minn din il-Qorti.

Rat il-fedina tal-imputat Antoine Debattista li hija wahda netta;

Rat il-fedina tal-imputat Herbert Debattista li hija wahda refrattarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza nkluz il-provi prodotti;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta dwar allegat glieda li sehhet fuq iz-zuntier ta' knisja bejn l-imputati u l-parte civile fejn il-parte civile spicca sofra griehi gravi.

Xehed l-**Ispettur Elliott Magro** li spjega li l-Pulizija kienu marru fuq il-post fejn kien hemm argument bejn xi ahwa qabel il-funeral ta' ommhom. Huwa esebixxa l-istqarrija ta' Herbert Debattista (Dok. EM6) u ta' Antoine Debattista (Dok. EM7). Esebixxa wkoll l-verzjonijiet li taw Carmelo Debattista (Dok. EM10), Marie Debattista (EM11) u Carmen Debattista (EM12). L-Ispettur esebixxa wkoll certifikat mediku ta' Carmelo Debattista (Dok. EM15) u iehor ta' Marie Debattista (Dok. EM16). Ipprezenta wkoll certifikat mediku iehor ghal Carmelo Debattista fejn wiehed minnhom huwa ta' griehi hfief u l-iehor ta' griehi gravi. Esebixxa anke certifikat ta' Antoine Debattista fejn sofra minn griehi hfief. L-Ispettur gharaf lill-imputati fl-awla.

Xehed **PS991 Aleksander Gauci** fejn qal li mar fuq il-post u l-affarijiet kienu lahqu kkalmaw. Kien ha l-verzjoni ta' Carmelo Debattista u ta' martu fuq il-post mentri fit-12 ta' Jannar 2018 kien

ha l-verzjoni tal-imputati u fil-fatt aggorna r-rapport li huwa hejja (esebit bhala Dok. EM9).

Xehed il-parte civile **Carmelo Debattista** fejn qal li ommu mietet fid-29 ta' Dicembru u peress li hutu kienu msiefrin fuq vaganza u ddecieda li jistennihom ghall-funeral. Il-funeral sar fit-2 ta' Jannar u qal li l-fatt li stennihom swietu aghar ghax ma setax jattendi la ghall-quddies u lanqas ghall-funzjoni wara. Jghid li qabel il-kortejo, gie l-kummissjonat fuqu u staqsieh ghal certifikat tal-mewt fejn qallu li huh Herbert riedu. Carmelo dak il-hin ma kellux ic-certifikat fuqu. Waqt il-kortejo cemplitlu n-Nutar Miriam Spiteri Debono fejn minflok taghtu l-kondoljanzi wkoll talbitu c-certifikat tal-mewt fejn qal li wara ser ihalliha d-dar t'ommu u Herbert seta' jmur jigbru minn hemm. Jghid ukoll illi mentri kienu qed jistennew li tispicca l-quddiesa ta' qabel il-qassis staqsa min ha jaqra u l-parte civile rrisponda "il-mara u t-tifla". L-imputati "b'tonalita` ta'

herra" oggezzjonaw u qalu "dawk ma jaqrawx … dik mhux demmna". Skont il-vittma dak il-kumment kienet immirat ghal bintu li hija addottata. Herbert jigi huh il-kbir mentri Antoine huwa huh iz-zghir. Dak il-hin Carmelo Debattista fakkar lil huh Herbert li fil-funeral ta' missierhom huwa, il-partner tieghu u wliedu kienu qraw. Dak il-hin Herbert qal li ma jinteressahx, gidem idejh u mar jigri ghal Carmelo. Skont il-parte civile Herbert hataflu n-nuccali minn wiccu u sabbtu mal-art. Huwa pprezenta zewg ritratti li ha bil-mobile tieghu waqt li kien l-isptar (Dok. CD1) fejn jidhru l-griehi li sofra. Dak il-hin inqala' wkoll Antoine li tah daqqa ta' ponn go wiccu u mbuttah minn sidru u waqa' mal-art. Jghid li gie catt ghal dahru mal-art. Hawnhekk ukoll ipprezenta ritratti tal-griehi li sofra meta mbuttah Antoine (Dok. CD2). Jghid li waqt li kien mal-art Antoine qabez fuq saqajh tax-xellug u zlugalu t-tieni subgha fejn kellu jitraqqad sabiex qeghduh f'postu – Dok. CD3. Waqt li Antoine kien fuqu u kien ghadu mal-art Herbert tah daqqa ta' sieq

f'rasu u kkawzalu *whiplash.* Beda jghajjat lil Antoine biex jitilqu izda baqa' jtih u kien hemm diversi persuni li ppruvaw jaqilghuh minn fuqu. Dan kollu gara fuq iz-zuntier fejn f'hin minnhom sema' l-qassis jghid li jekk ma jieqfux ser jikkancella l-funeral. Ix-xhud zied jghid li ma setax iqum bl-ugiegh u poggewh fuq cint. Huwa stess cempel ambulanza ghax kien mugugh hafna. Antoine dak il-hin heddu fejn qal: "Il-lejla nigi u ntik giex tiri go rasek u noqtlok." Dan semghuh martu, mart Antoine u ommha li bdiet issikktu. Malli waslu l-RIU infurmahom bit-theddiha li rcieva u meta waslet l-ambulanza telaq lejn l-Isptar. Hemmhekk raqduh u poggewlu subghajh f'postu. Gie rrilaxxat mill-isptar u tawh certifikat (Dok. EM14). L-ghada pero` mar l-isptar St. James ghaliex kien mugugh fejn qalulu li ghandu *dislocation* tas-*second toe* u *whiplash* minhabba d-daqqa li qala' go rasu. Fit-2 ta' Frar kellu *follow up* ma' Mr. Ryan Giordimaina fejn ordnalu *CT scan* u minn hemm irrizulta li ghandu "lisfranc fractures" li jittrattahom biss Mr. Mark

Portelli kirurgu specjalizzat fis-saqajn. Dok. EM13 huwa c-certifikat irrilaxxat minn Mr. Ryan Giordimaina. Fl-1 ta' Marzu kellu jopera ruhu f'saqajh fejn Mr. Portelli qallu li kellu bzonn *complex foot surgery*. Il-parte civile qal li spicca tilef ix-xoghol, l-attivita` normali, kellu jgib vettura awtomatika ghax sal-lum ma jistax isuq *manual* minhabba saqajh u ghadu jmur ghall-*follow ups* ma' Mr. Portelli. Ic-certifikat irrilaxxat minn Mr. Mark Portelli gie esebit bhala Dok. CD6.

Xehdet **Louise Fisher** li qalet li kienet fuq iz-zuntier mal-familja ta' Carmelo Debattista u mentri Carmelo u bintu Marie kienu qed jitkellmu mal-qassis qabez Herbert Debattista u qal "Le, le, le" u ratu jidgem idejh. Kien qisu ser jaghti daqqa lil Carmelo pero` kkalma. Wara ftit rega' beda jghid le u resaq lejn Carmelo u f'sekonda huhom l-iehor, Antoine, wasal hdejn Carmelo qabel Herbert u f'salt wiehed qal "Charles was a magnet." Dak il-hin il-

preokkupazzjoni taghha kienet Marie u peress li kien hemm nies ohrajn li bdew jippruvaw iwaqqfuhom ma setghetx taraha. Imbaghad ratha mal-art. Marie rnexxielha tohrog minn hemm u tigi hdejn ix-xhud; rat lil Charles mal-art u rat li kellu d-demm hiereg minn wiccu. In-nies hadu l-imputati minn fuq Charles u martu, Carmen, marret tghinu jqum. Charles cempel ambulanza u kien jidher li kien mugugh. Kellu saqajh "turned out". Charles u martu telqu bl-ambulanza mentri x-xhud u Marie attendew ghall-funeral tan-nanna ta' Marie. Mistoqsija inkontroezami jekk ratx lil xi hadd jaghti daqqa lil xi hadd qalet hekk: "I didn't see anyone hitting directly but I saw them go towards Charles. At that point everyone then went towards Charles and it was a cluster and I was taken aback a bit really because it was very unusual for me."

Xehdet **Carmen Debattista**, mart Carmelo Debattista, li qalet li kien it-2 ta' Jannar 2018 u t-tensjoni kienet tinhass diga` fil-kamra

mortwarja. Fuq iz-zuntier imbaghad qabel il-quddies, Father Alex Scerri avvicina lir-ragel taghha fejn staqsieh min kien ser jaqra. Carmelo rrisponda martu u bintu. Dak il-hin Herbert u Antoine bdew joggezzjonaw u jghidu li "dik ma taqrax ghax m'hijiex demmna" u dan b'riferenza ghal bintha li hija addottata. Baqghu jsostnu biex bintha ma taqrax u Herbert b'mod aggressiv avvicina lir-ragel taghha b'idejh go halqu u mar jiggranfah. Ix-xhud tghid li ppruvat tidhol f'nofshom u fil-pront Antoine imbotta lil Carmelo li spicca mal-art. Kien hemm corma nies f'salt fuq Carmelo u Antoine kien qed jaggredih. Tiftakar li hija u bintha kienu qed jippruvaw jaqilghu lil Antoine minn fuq Carmelo. Eventwalment Antoine u Herbert ittiehdu minn xi familjari taghhom mentri hi ghenet lil Carmelo jqum mill-art ghax kien mugugh. Waqt li kienu qed jistennew l-ambulanza Antoine qal: "il-lejla nigi ntih giex tiri go rasu u noqtlu." Skont ix-xhud kien qed jghajjat b'lehen car u spicca rrepeta l-istess kliem. Carmelo sofra minn *whiplash*, kellu

subghajh ta' saqajh zlugat u siequ minfuha. Peress li ma kienx hemm zvilupp Carmelo kellu jaghmel *follow up* fuq dawn il-griehi. Hija gharfet lill-imputati fl-awla.

Xehed **Father Alex Scerri** li qal li l-ahwa Debattista huma kugini tieghu. Spjega li huwa kien ser imexxi c-celebrazzjoni u waqt li kienu qed jaraw il-qari, ma jiftakarx ma' min minn l-ahwa, inqalghet daqsxejn ta' kommossjoni. F'daqqa wahda ra hafna nies jigru u kien hemm glieda u mbaghad il-kummisjonant mar fuqu biex idahhlu t-tebut u ghalhekk baqa' fis-Sagristija biex jara jekk hux ser isir il-funeral jew le. Sema' wkoll li xi wiehed mill-ahwa spicca mar l-isptar. Qal li jista' jkun kien hemm Carmen Debattista mieghu tara l-qari u waqt li kellu rasu 'l isfel f'daqqa wahda jara "kommossjoni ta' glied bejn in-nies". Dan il-glied kien bejn l-ahwa bejniethom. Qal li kemm Antoine u Charles kellhom id-demm.

Pero` ma sema' xejn bhala diskors u lanqas ma ra l-glieda ghax mar fis-Sagristija. Ix-xhud gharaf lill-imputati fl-awla.

Xehed it-tabib **Dr. Mark Portelli** fejn qal li huwa hejja Dok. CD6 fejn irrelata dwar l-operazzjoni li ghamel lil Charles Debattista. Spejga li l-pazjent sofra minn *lisfrank fractured disclocation* u cioe` ksur serju fil-parti tan-nofs tas-sieq fejn hemm gogi importanti li jghinu dak li jkun jaghmel il-*push off* meta jimxi. Huwa spjega li din hija parti krucjali tas-sieq. Wara l-operazzjoni jghid li ra lil Charles Debattista kemm-il darba pero` ma kienx jaf kemm. Mistoqsi ma xiex kien kompatibbli l-*injury* jghid li l-kagun jista' jkun jew *direct hit*, *direct trauma* jew inkella *pivoting injury* fejn ikollok saqajk fiss mal-art u l-qasba ddur. Qal li Charles gie riferut lilu fit-2 ta' Jannar 2018 minghand tabib iehor. Nel frattemp bejn Jannar u Dicembru kien hemm bosta *follow ups*.

Xehed **Alfred Demanuele**, *undertaker*, li qal li kien dahal il-knisja biex javzahom li waslu u meta hareg sab konfuzjoni - kulhadd jiggieled u kulhadd iferraq; kulhadd go xulxin. Qal li kienu l-familjari li kienu qed jiggieldu bejniethom u sabhom iferrqu. Ma kien jaf xejn aktar x'gara. Huwa gharaf lill-parte civile u lill-imputati fl-awla.

Xehdet **Mary Debattista**, bint Charles Debattista, li qalet li huma u sejrin ghall-funeral tan-nanna, missierha kien baqa' sorpriz li cemplitlu n-Nutar tistaqsi ghac-certifikat tal-mewt ghax rieduh Herbert u Antoine. Meta waslu u l-qassis kien qed jistaqsihom minn ser jaqra, Herbert u Antoine bdew jghidu: "Le. Le. Le ghax dik ma taqrax ghax dik mhux demmna." Wara rat lil Herbert jigri b'aggressjoni ghal missierha b'idejh go halqu. Din ma kinitx l-ewwwel darba li hebb ghal missierha u allura qalet li ppruvat tidhol quddiemu. Darba kien irnexxielha twaqqfu izda din id-darba le.

Rat lil missierha jaqa' mal-art u Antoine fuqu jaqbez fuqu u jtih. Imbaghad rat corma nies jigru biex jaqilghu lil Antoine u jwaqqfuh milli jaghti lil missierha. Anki hija u ommha bdew jippruvaw jigbdu lil Antoine mic-cintorin izda kien ghal xejn. F'hin minnhom Antoine waqqa' anke lilha mal-art u kienet Patricia, il-mara ta' Herbert, li ghenitha tqum u qaltliha biex toqghod 'l barra ghax twegga'. Ma tatx kaz u kompliet tipprova taqla' lil Antoine minn fuq missierha. Tghid li fl-ahhar irnexxielhom kollha jaqilghu lil Antoine u rat lil missierha mixhut mal-art u beda jghajjat li qed tweggghu saqajh. Ommha ghenitu jqum mill-art u hu pogga fuq cint. Sakemm giet l-ambulanza semghet lil Antoine jghid darbtejn: "Il-lejla nigi u ntih zewg tiri f'rasu." Il-membri familajri ta' Antoine stess bdew jghidulu biex jieqaf u bdew isikktuh. Qalet li missierha ma attendiex ghall-funeral ta' ommu ghaliex mar bl-ambulanza. Hija pero` marret u rat lill-imputati jiehdu t-telefonati waqt il-funeral ta' ommhom. Wara marret l-isptar ghal *check up* ghax beda

jugghaha daharha u biex tara lil missierha. Missierha kien ghadu hiereg mill-loppju u wara mar id-dar b'*wheelchair* ghax ma setax jimxi. Ix-xhud ikkonfermat li kien Herbert li hebb ghal missierha l-ewwel u gie jigri jigdem idejh u Antoine iffolowjah.

Xehed **Mr. Ryan Giordimaina**, espert fl-ortopedija, li qal li ezamina lil Charles Debattista fit-12 ta' Jannar gewwa St. James ghaliex kellu wgiegh u nefha fis-sieq ix-xellugija. Sar *x-ray* u rega' sar iehor fit-2 ta' Frar fejn irrizulta li kien hemm ksur. Ix-xhud qal li "originarjament ma kienx jidher dan il-ksur". Huwa kklasifika l-griehi bhala "*grevious bi ksur"* izda qal li ma setax jghid ma xiex kien kompatibbli. Wara rrefera lil Charles Debattista lill-espert Mr. Mark Portelli. Ix-xhud ikkonferma c-certifikat li huwa rrilaxxa.

Xehed **Dr. Michael Spiteri** li qal li kien ra lill-parte civile fit-2 ta' Jannar 2018 fid-Dipartiment tal-Emergenza. Jghid li l-pazjent

kellu *abrasions*, *tenderness* fir-ras u l-ispalla u zlugazzjoni tas-*second toe*. Dakinhar gie ccertifikat li kellu griehi li kienu kompatibbli ma' *blunt trauma* u li kienu *slight save complications.*

Xehed l-espert inkarigat mill-Qorti, **Mr. Fredrick Zammit Meampel**, li qal li ezamina lil Charles Debattista ghoxrin xahar wara l-incident u jista' jikkonkludi li l-griehi li garrab fit-2 ta' Jannar 2018 huma ta' natura gravi u hallew effett permanenti u cioe` dizabilita` permanenti ta' 7 fil-mija. Ir-rapport tal-espert gie esebit u mmarkat bhala Dok. FZM a folio 209 et sequitur tal-process.

Xehed **Dr. Anthony Buttigieg** li ra lill-parte civile gewwa St. James fit-3 ta' Jannar 2018 fejn ikkonstata li kellu *whiplash*, daqqa fuq rasu u wgiegh f'siequ. Sar *x-ray* izda ma deher xejn partikolari u l-griehi immarkahom bhala "slight".

Rat illi d-difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli ttella' lil **Dr. Paul Scarrow** u di fatti l-Ispettur Elliott Magro pprezenta zewg affidavits (DOk. EMX u EMY) – fejn f'Dokument EMX certu Dr. Paul Scarrow halef li kien ezamina lil Marie Debattista u sab li kienet qed issofri minn griehi hfief. Dokument EMY huwa tal-sitess tabib fejn ezamina lil Antoine Debattista li wkoll kien qed isofri minn griehi hfief.

Xehed **inkontroezami Charles Debattista** fejn qal li kien mar dakinhar stess tal-incident l-isptar Mater Dei fejn ghamlulu intervent u l-ghada mar St. James. Il-griehi bdew jizdiedu u ddecieda li jara konsulent. Mistoqsi dwar it-trapass ta' tliet xhur qal li wiehed ma jarax konsulent mil-lum ghal ghada u li l-ewwel ra zewg konsulenti u mbaghad gie riferut ghand specjalista. Qal li meta kienu fuq iz-zuntier kien hemm distanza ta' xi zewg metri bejnu u l-imputati. Huwa kkonferma li d-daqqa f'rasu tahielu

Herbert u l-qabza fuq siequ giet minghand Antoine. Rega' enfasizza li: *"l-incident bdieh billi gidem idejh u gie jigri ghal go fija Herbert. Hatafli n-nuccali, sabbatuli mal-art, sussegwentement dahal Antoine.*" Ix-xhud innega li f'xi hin intilef minn sensieh.

Xehed l-**imputat Antoine Debattisa** li qal li meta marru l-kamra mortwarja hadu xokk ghax raw lil ommhom b'hafna *make-up* meta hija ma kinitx taghmel *make-up.* Raw ukoll li t-tebut ma kienx l-istess li kienu qablu dwaru. Ladarba waslu fuq iz-zuntier qal li Charles mar jigri fuq il-Qassis u qallu li hu, il-mara u bintu kienu ser jaqraw fil-knisja. Huwa kien qisu tliet metri 'l boghod. Imbaghad mar Herbert biex ikellem lill-Qassis u "fid-daqqa u l-hin hareg Charles sfrenat ghal fuqu, sab lili fin-nofs… tani daqqa ta' ponn, kissirli n-nuccali f'ghajnejja, go wicci". Qal li Charles ried imur ghal Herbert ghax semghu jghid li din id-darba Herbert ried li t-tfal tieghu jaqraw. Zied jghid li Charles waqqghu mal-art u nizel

fuqu jtih bis-sieq go wiccu. F'hin minnhom anki Charles kien dahru mal-art u beda jaghti d-daqqiet minn mal-art bil-pala ta' siequ u cioe` bil-kontra u beda jtih go wiccu. Qal li Charles kien mal-art, hu kien fuqu u ma setax iqum ghax bdew izommuh mart u bint Charles. Bdew izommuh mill-glekk u di fatti tqatta'. F'hin minnhom Charles qallu: "issa c-cans li qbadtek, illum ic-cans li noqtlok." Zied jghid li Charles hareg ghal Herbert minn wara l-Qassis u meta sab lilu fin-nofs u tah daqqa ta' ponn, mal-ewwel spicca mal-art. Qal li kellu d-demm hiereg minn wiccu u allura ma setax jaghmel hafna iktar u mbaghad firduhom. Qal li cempel lill-Pulizija u l-ambulanza u meta staqsewh jekk riedx imur l-Isptar qal li kien ser imur wara l-funeral t'ommu. Dak il-hin qal li Herbert beda jipprova jifridhom. Jiftakar ukoll jisma' lil Patricia tghid lil Marie biex titbieghed u meta staqsietha ghaliex kienet hafja qalet: "*Nehhejt iz-zarbun ha nkun nista' nigri u naghti.*" L-imputat esebixxa ritratti li gew immarkati Dok. AD1 sa AD3. Mistoqsi kif

nizel Charles qal li waqghu flimkien u Charles kien dahru mal-art u hu fuqu u ma setax iqum ghax kien hemm Carmen u Marie jzommuh. Sema' wkoll lil Charles jghid dawn il-kliem: *"Ma niflahx intih aktar. Weggajt saqajja daqs kemm tajtu."* L-imputat nnega li qal xi diskors lil huh Charles.

Xehed l-**imputat Herbert Debattista** li qal li huh Charles qal lill-qassis (li huwa kugin taghhom): "Illum ha jaqraw il-mara u t-tifla". L-imputat qal li x'hin sema' hekk qallu: "Ghalfejn ha jaqraw il-mara u t-tifla mela jien m'ghandix tfal bhalek?" fejn Charles irrisponda li fil-funeral ta' missierhom kienu qraw il-barranin. Kien hemm ftit distanza bejniethom u dak il-hin qal lil huh Antoine: "ejja mmorru nkellmu lil Father forsi naslu x'imkien" u x'hin resqu hu u Antoine, Charles hareg minn wara l-qassis u kif Charles kien ser itih daqqa resaq lura u spicca hataf lil Antoine. L-imputat qal li Charles hataf lil Antoine min-nuccali, tela' mat-tarag taz-zuntier fejn marritlu

siequ u waqa' u hataf lil Antoine mieghu. Charles gie b'dahru mal-art u bil-wicc ta' siequ beda jaghti go wicc Antoine. Sema' lil Charles jghid lil Antoine: "Issa c-cans li nkompli ntik u noqtlok lilek." Dak il-hin xi nies gibdu lill-imputat pero` kien baqa' vicin u kien qed jara kollox. Zied li waqt li Antoine kien mal-art u Charles kien qed itih, Carmen u Marie kienu qed jigbdu lil Antoine u spiccaw carrtulu l-glekk. In-nies ferquhom u Charles qam, mar fuq cint u qal: "Xbajt intih b'sieqi u qed tugghani issa sieqi." Il-funeral sar u wara mar l-isptar ma' huh Antoine biex jigi kkurat. Mistoqsi jekk f'xi hin kien hdejn ras Charles Debattista qal li f'dik il-konfuzjoni ma jistax jghid jekk kienx hdejn rasu jew jekk hux hdejn saqajh. Meta gie mistoqsi l-istess domanda qal li kien fil-genb taghhom. Mistoqsi jekk tax lil Charles daqqa ta' sieq fuq rasu qal: "Le ma tajtux." L-imputat innega li kellu jdejh f'halqu jew li hedded lil Charles. Fuq domanda ohra huwa kkonferma li qal li t-tifla ta' Charles hija barranija. Ippreciza li huwa qal is-segwenti kliem:

“Jekk il-partner tieghi barranija dik barranija wkoll.” Rega’ nnega pero` li kien qed jigdem idejh waqt dan id-diskors.

Xehed **Alfred Farrugia** bhala xhud tad-difiza, li kien qieghed jattendi ghall-funeral ta’ omm l-imputati. Sema’ l-qassis jitkellem fuq il-qari u sema’ lil habib tieghu, Herbert Debattista, jghid lill-Qassis: “Hares ahna rridu naqraw ukoll.” Sema’ lill-iehor, li wara sar jaf li hu huh, jghid: “naqraw ahna ghax ga qrajtu inthom f’okkazjoni ohra”. Wara rat l-istess persuna “bhal speci jaqla idu.” Herbert warrab u din il-persuna spiccat laqtet lil Antoine Debattista u ra n-nuccali tieghu mal-art. Qal li lil Herbert ma laqtux. Imbaghad rahom nezlin f’daqqa u Antoine kien fuq ghax gibdu mieghu. Skont ix-xhud kien hemm xi nies li kienu qed jigbdu l-glekk ta’ Antoine. Il-persuna li kienet taht beda jikkikkja u jfajjar fil-gholi b’saqajh. Zied li meta qamet din il-persuna qalet lil xi

hadd tal-*hearse: "L-aqwa li jien kuntent daqs kemm tajtu."* Huwa qal li ra kollox u ma marx iferraq ghax ghandu *injury.*

Xehdet **Catherine Tabone** li attendiet ghall-funeral ghaliex kienet tahdem ma' Herbert Debattista. Hija kienet xi tlitt metri 'l boghod u allura setghet tisma' li kien hemm xi diskussjoni dwar il-qari fejn xi hadd qal li ha jaqraw il-barranin. F'daqqa u l-hin id-diskussjoni eskalat: "naf li Herbert, li huwa l-persuna li naf jiena, flimkien ma' huh resqu lejn il-qassis … u fid-daqqa u l-hin jiena nara dan ir-ragel li jiena ma kontx nafu qabel, qisu nfixel fuq xi haga, hadha bis-salt u pprova jaghti daqqa lil xi hadd. Issa nzerta li d-daqqa belghaha .. Antoine." Waqt li kien qed jaghti d-daqqa tahseb li bil-fixkla zelaq u gibed lil Antoine mieghu. Antoine spicca fuqu u dan ir-ragel beda jtih bl-irkoppa u bis-sieq. Hija semghet lil dan ir-ragel jghid lil Antoine: "Fl-ahhar wasal ic-cans li noqtlok". Skont ix-xhud: "din smajtha ghax tal-biza' kienet." Imbaghad ferrquhom

u Antoine kien jidher li qala’ daqqa u sahansitra kellu n-nuccali mkisser. Semghetu wkoll jghid lil Antoine: “Tant tajtek li weggajt sieqi.”

Xehed **Renzo Persiano** li qal li meta l-imputati marru hdejn il-Qassis, “is-Sinjur l-iehor hareg minn wara l-qassis, xejjer daqqa ta’ ponn fejn laqat lil wiehed u mhux lill-iehor. Sadanittant hatfu go xulxin. Jien kif rajt hekk mort biex inferraq.” Qal li dak is-Sinjur spicca zelaq u gibed lill-iehor fuqu. Wara li nfirdu ra lil Antoine Debattista kollu demm u n-nuccali mkisser.

Ikkunsidrat:

Illi minn qari akkurat tal-atti processwali u tax-xhieda mressqa, kemm mill-Prosekuzzjoni u kif ukoll mid-difiza, johrog car kunflitt fl-assjem tal-provi li jinsabu fl-atti odjerni.

Illi min-naha wahda, u cioe` da parti tal-Prosekuzzjoni, ix-xhieda li gew imressqa li setghu jixhtu dawl fuq dak li gara fuq iz-zuntier tal-knisja kienu s-segwenti: il-parte civile, martu, bintu, Father Alex Scerri, Louise Fisher u Alfred Demanuele.

Illi l-parte civile Carmelo Debattista, martu Carmen Debattista u bintu Marie Debattista taw l-istess verzjoni identika ta' xulxin izda l-Qorti ma tistax ma tinnotax illi dawn huma membri familjari. Illi pero' din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax certi inkongruwenzi li jitfghu dubju fuq dawn il-verzjonijiet. L-ewwel wahda tohrog mill-verzjoni tal-parte civile u cioe' meta jirrakkonta ezattament x'kull wiehed mill-imputati x'ghamel u xi griehi ezatti kull wiehed mill-imputati kkawzalu. Dan huwa daqsxejn inverosimili konsiderando glieda ta' dik l-entita' minn membri tal-familja, fejn kien hemm migbura numru kbir ta' persuni.

Illi ugwalment fix-xhieda ta' Carmen Debattista fejn qalet illi ppruvat tidhol f'nofshom u fil-pront Antoine mbotta lil Carmelo li spicca mal-art, huwa inverosimili li rat lil Antoine jaggredixxi lir-ragel taghha gialadarba kien hemm corma nies madwarhom.

Alfred Demanuele per ezempju, *undertaker* li kien fuq iz-zuntier dak il-hin, qal li ma ra xejn mill-glieda u ghalhekk ma seta' jaghti l-ebda dettall dwar id-dinamika tal-istess glieda.

Louise Fisher, li ghalkemm mhijiex relatata mid-demm mal-parte civile pero` hija l-gharusa ta' bint il-parte civile, ukoll ma tatx dettall fuq id-dinamika tal-glieda minkejja l-fatt li kienet propju hemm fuq iz-zuntier. Anzi din ix-xhud pjuttost zvijjat minn dak li qal Carmelo Debattista, martu u bintu. Di fatti meta giet mistoqsija inkontroezami jekk ratx lil xi hadd jaghti daqqa lil xi hadd qalet hekk: "I didn't see anyone hitting directly but I saw them go towards Charles. At that point everyone then went towards Charles and it was a cluster and I was taken aback a bit really because it was very unusual for me." Din ir-risposta tohloq dubju serju.

Illi apparti t-tobba, li ma kinux fuq iz-zuntier dakinhar tal-argument u ghalhekk ix-xhieda taghhom mhijiex pertinenti ghad-dinamika tal-argument, il-Prosekuzzjoni resqet il-Qassis li proprju ccelebra l-funeral ta' omm l-ahwa Debattista. Il-Qorti hawnhekk innotat ukoll li l-Qassis inkwistjoni, li nzerta l-kugin tal-ahwa Debattista, ma ra xejn mill-glieda li kienet sehhet propju hdejh

ghax qal li kien rasu 'l isfel qed jara l-qari u wara li ra kommossjoni bejn l-ahwa Debattista dahal fis-Sagristija. Il-Qassis di fatti ma seta' jaghti l-ebda dettall iehor.

Illi ghalhekk meta l-Qorti thares lejn il-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni tara tliet verzjonijiet identici ta' xulxin u cioe` dik ta' Carmelo Debattista, dik ta' martu u dik ta' bintu, u tlieta ohra li ghalkemm kienu hemmhekk prezenti ma jaghtu assolutament l-ebda dawl fuq kif graw l-affarijiet.

Illi minn ezami tal-provi mressqa mid-difiza nsibu l-verzjonijiet taz-zewg imputati u dik ta' tliet xhieda okulari. Il-Qorti nnutat li l-verzjonijiet tal-imputati huma identici u din il-verzjoni tikkontrasta drastikament mal-verzjoni tal-parte civile, martu u bintu. L-imputati jsostnu li kien propju Carmelo Debattista li avvicinahom f'daqqa u l-hin biex jaghti daqqa ta' ponn lill-imputat Herbert Debattista fejn pero` spicca laqat lil Antoine Debattista u nizlu mieghu mal-art u baqa' jtih b'saqajh. L-imputati nnegaw li weggghu lil Carmelo Debattista fejn l-imputat Herbert Debattista jsostni li fl-ebda hin ma kien involut fil-glieda u Antoine Debattista

jsostni li huwa kien qed jaqla' daqqiet minghand Carmelo Debattista li spicca qal li wegga' saqajh biex ikompli jtih.

Illi huwa pjuttost normali f'proceduri kriminali li l-Qorti tigi rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti bejn ix-xhieda tal-parte civile u dik tal-imputat. Izda fil-kaz odjern apparti x-xhieda principali, id-difiza ressqet tliet xhieda li mhumiex membri familjari, la tal-parte civile u lanqas tal-imputati.

Illi dawn ix-xhieda jaghtu verzjoni li tikkombacja perfettament ma' dik tal-imputati u ghaldaqstant tikkontrasta ferm mal-verzjoni tal-parte civile u dik tal-membri familjari tieghu.

Illi tenut kont tal-fatt li dawn ix-xhieda mhumiex membri familjari tal-imputati, l-istess xhieda m'ghandhom l-ebda interess jizvijjaw mill-verita` u jiehdu gurament falz quddiem il-Qorti.

Illi konfrontata b'dawn il-verzjonijiet konfliggenti, f'tali sitwazzjoni l-Qorti tkun obbligata timxi mal-linji gwida stabbiliti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara*** fejn intqal li: "jew il-Gudikant

ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor."

L-istess insenjament giet espressa mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef*** moghtija fit-2 ta' Frar 2012 fejn intqal hekk: "Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal-liberatorja. Fil-kawza ***Il-Pulizija vs. Joseph Thorn*** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet li "... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx."

Illi fil-kaz odjern il-Qorti evalwat dan il-kuntrast qawwi fil-provi u ma tistax tkun konvinta oltre kull dubju ragionevoli illi kienu propju l-imputati li bdew l-argument u li kkawzaw griehi kemm lill-parte civile u lil bintu.

Illi fil-kamp kriminali huwa ben risaput li meta hemm l-icken dubju dan ghandu jmur a favur tal-imputati.

Illi apparti minn hekk, il-Qorti taccenna wkoll id-dubji taghha dwar il-griehi sofferti mill-parte civile, Carmelo Debattista. Dan qed jinghad ghaliex ic-certifikati tal-griehi a tempo vergine kklassifikaw tali griehi bhala hfief u nonostante li saru *x-rays* u ma rrizulta l-ebda ksur. Illi minkejja dan wara trapass ta' zmien il-parte civile pproduca certifikat mediku fejn il-griehi f'saqajh gew ikklasifikati bhala gravi u dan stante ksur. Illi l-Qorti fl-ebda hin ma qieghda tiddubita certifikat rilaxxat minn persuna professjonali izda ghandha d-dubji taghha dwar kemm il-ksur kienx verament rizultat ta' dik il-glieda jew minhabba xi avveniment li sehh wara.

Illi fl-ahharnett il-Qorti thoss li ghandha tirrimarka l-fatt li l-partijiet kollha fil-proceduri odjerni hallew lilhom infushom jigu

trasportati mill-pika personali taghhom bir-rizultat li hassru l-ahhar tislima lil ommhom. F'mument li suppost ikun tant difficli hadd mill-partijiet ma pprova jevita l-argument ta' bejniethom tant li kkrejaw agha kbira madwarhom u ma' min kien mar jaghti l-ahhar tislima lid-defunta. Ghal dan il-fatt jirrizulta illi l-ksur tal-paci pubblika gie ppruvat.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ssib lill-imputati Herbert Debattista u Antoine Debattista hatja biss tat-tieni (2) akkuza kif dedotta kontrihom u tikkundannhom ghal ammenda ta' hamsin ewro (€50) kull wiehed filwaqt li tilliberahom mill-akkuzi l-ohra kollha fuq nuqqas ta' provi.

-----------------------------------------

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**